# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D., Adv. Trib. Ecc. Melit

Il-Pulizija

Vs

Liam Kyle Saliba

Illum 7 ta' Lulju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Liam Kyle Saliba Bin Richard u Maria Victoria mwieled fil-31 ta' Lulju 1997, u residenti Sliema u li għandu n-numru ta' karta tal-identità 0298397M;

Billi int akkuzat talli fis-7 t'Awissu 2022 ghall-habta ta' 17:00 hrs f'Triq Nazzjonali, Furjana u gewwa toroq ohra gewwa l-Furjana soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni LKS317

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti hew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Jason Bugeja minghajr konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond iccertifika Dr. Luke Zammit MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-liċenzja tas-sewqan kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Artikolu 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 226(1)(b) tal- Kap 9 u fil-L.S 65.18 Art 36(B) u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-korrezjoni mill-prosekuzzjoni li saret fis-seduta tas-26 ta' Frar 2024.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS1144 D.Galea** xehed permezz ta' affidavit.

**It-Tabieb Dr.Luke Zammit** xehed permezz ta' affidavit.

**Ikkunsidrat**

**Jason Bugeja, xehed hekk**

Xhud: Iva nahlef, mela fit-3 ta` Awissu 2022 kont hierġ mil-Belt Valletta fi triq Sant'Anna biex nikser l-isfel għal fuq triq l-Indipendenza kont qed insuq il-mutur fuq il-karreġġjata tax-xellug tiegħi. Kif bdejt na nikser għall gol-ilwja fuq ix-xellug ovvjament qed naqqas il-veloċità tiegħi biex nkun nista nikser u kif qabdet il-ilwja ħassejt daqqa fuq in-naħa tal-lemin tiegħi mill-karozza ppruvajt insomma ghal-kontroll tal-mutur imma sfortunatament ma stajtux nibqa fuq il-mutur. Waqqajt fl-art għedt fuq iddejja ħassejt wegħda kbira f'idejja. Għamilt ftit dak il-ftit sekondi fl-art biex nara xġara u biex nifhem jekk inhiex stajt tajjeb. Minn hemmhekk ħassejt li nista nqum u qomt u ersaqt min-nofs ta triq dak il-ħin ovvjament idjja bdiet tugagħni ersaqt minn mal-bankina u mort biex nitkellem ma Liam biex nara jekk huwiex okay.

Avu: Mela biex titkellem ma min?

Xhud: Jien mort nitkellem ma Liam.

Qorti: Liam min hu tagħrfu fl-awla?

Xhud: Iva dak

Qorti: Ix-Xhud indika lil imputat.

Xhud: Minn hemmhekk staqsejt il Liam jekk hux okay avolja jien kont qiegħed miegħuh u dak il-ħin poġġejt bilqiegħda għax bdejt qed inħoss ħafna uġigħ ħassejtni stordut. Wara ftit ġie persuna li he identified li identifika ruħu bħala pulizija kien undercover, pajżan u staqsieni jekk għandek bżonn xi għajnuna jew jekk ma jimpurtax please għid lil ambulanza għax indunajt li hemmhekk mill-polż kienet zlokata dak il-ħin ġew tal-medics dawk li jkunu qed iduru tawni l-ewwel assistenza u ikkalmowni. Ġiet l-ambulanza u minn hemmhekk imbagħad mort Mater Dei biex nistenna fl-emergenza.

Qorti: Xi ħaġ'oħra Kontro eżami?

Avu: Mela kemm tispjega ftit jerġa' jispjega ftit dinamika tal-incident?

Xhud: Mela jiena ħiereġ mill-belt Valletta fi triq Sant'Anna. Jiġifieri il-main road qabel Bieb il- Bombi hemmhekk kien hemm traffic lights u waqaft kienet stop kif qlajna jien kont fil-karreġġjata tan-nofs ħalli nkun nista' nikser to the left lejn triq l-Msida u triq l-ewwel l-Indipendenza biex tinżel l-Msida. Issa hemmhekk xħin naqqast ersaqt fuq il-lane ta ġewwa kif kont fuq il-lane ta` ġewwa ħassejt id-daqqa from my right bil-karozza. Hemmhekk tlift il-kontroll tal-mutur ovvjament u skiddjajt fl-art fejn indunajt li weġġajt idejja serjament.

Avu: Xejn iktar sinjura

Qorti: Kontro-eżami.

Avu: Mela sinjur ara fhimtekx tajjeb jiġifieri inti eżatt wara li ġara l-incident qomt fuq saqajk?

Xhud: No kif ġara l-incident jiena bqajt dawk il-ftit mumenti fl-art qisek tagħmel self assessment tiegħek innifsek ħassejt li jdejja biss kienet diġa dak il-ħin u qomt għax ovvjament hija triq main road u ppruvajt nersaq minn ġew nofs it-triq għax hija traffikuża ħafna jiġifieri l-istint hekk qalli dak il-ħin.

Avu2: U nara fhimtekx tajjeb inti meta ħbatt fuq wara tal-vettura man-naħa tax-xellug?

Xhud: Jiena ġejt fil-ġenb tal-karozza.

Avu2: Man-naħa l-oħra?

Xhud: Mhux man-naħa ta' wara.

Avu2: Mar-rota ta' wara?

Xhud: Jiena kont il-quddiem minnha żgur jiġifieri hu kiser fuq jekk naraw ir-ritratti anke d-daqqa fil-karozza qiegħda minn quddiem.

Avu2: Jekk ngħidlek li l-ewwel kliem tiegħek kien tort tiegħi żelaqli l-mutur ħa toqtolni il-mara kif qal is-sewwieq tal-karozza?

Xhud: Le.

Avu2: Inti miżżewweġ sinjur?

Xhud: Jien miżżewweġ iwa.

Avu2: Allura kif tispjega li s-sewwieq kien jaf li għandek mara u inti għadt ħa toqtolni il-mara għax żelaqli il-mutur qiegħed bil-gurament jekk għedt dad-diskors kemm tgħid li għedttu?

Xhud: Naf li kont mġugħ ħafna dak il-ħin, imma ma niftakarx ngħid dak il-kliem.

Avu2: Ma tiftakarx jekk għedtx hekk, ħa nirriservagħalissa sinjura.

**<u>Liam Kyle Saliba xehed hekk:</u>**

Qorti: Mela x'ġara sinjur?

Xhud: Jien kont spiċċajt xogħol.

Qorti: Id-data tiftakarha?

Xhud: Awissu xi tlett snin ilu, u spiċċajt xogħol jien qiegħed in-naħa tac-Chick King il-Furjana u hemm 2 lanes sewwa għall-Imsida u għall-Ħamrun jien kelli mmur għall-Msida ovvjament għax noqgħod tas-Sliema. Kont barra barra it-tieni lane mhux ta' ġewwa. X'hin għamilt l-indikatur mad-dawra ħabat ġo fija.

Qorti: Fejn kien qabel l-impatt?

Xhud: Mal-passiggier wara.

Qorti: Meta rajtu l-ewwel darba?

Xhud: X'hin ħbattna jiena x'hin rajtu ovvjament wara l-ħabta kulħadd waqaf u jien ftħaħt il-bieb ovvjament biex nara x'għandu u kien diġa kien diġa bil-wieqfa.

AVU: Mela tista tispjega l-Qorti x'velocita kont għaddej inti bejn u ieħor?

Xhud: 20.

Qorti: Ma kienx għaddej dottorezza if ovvjous kieku l-affarijiet kienu jkunu differenti.

Xhud: Jien kont ma' it-tieni lane ta' barra kif dort ġewall-Msida hemmhekk ħabatt ġew fija għax jien ma kont qed insuq velocita qawwija kont 20 u lines qed naġmġmlhom. Imma kif għhedt tajjeb kont qed insuq.

Qorti: Le jien kont quddiem il-mutur.

Pros: Kontre Eżami, mad-daqqa x'hin ħabta ġo fija.

Xhud: Mad-daqqa x'hin ħabta ġo fija.

Qorti: Jien fhimtu qah mal-impatt hux hekk?

Xhud: Ma-daqqa x'hin habta go fijja.

Pros: U fejn kienet id-daqqa tieghek fuq il-karozza?

Xhud: Mal-passiggier fuq wara.

Qorti: X'karozza għandek?

Xhud: Toyota IQ bajda karozza żgħira hatchback.

Pros: Tan-naħa tal-lemin jew tan-naħa tax-xellug?

Xhud: Man-naħa tal-passiġġier.

Avu: Għandi 2 mistoqsijiet, is-sewwieq tal-mutur qallek xi kliem?

Xhud: Ijja, x'hin ħriġt mill-karozza qal il-mara tiegħi għax toqolni għax ovvjament ried immur sa Għawdex. Għax joqgħod Għawdex.

Qorti: Xi ħaġa oħra minn għand is-sinjur?

Avu: Għandek xi makkinarju inti f'saqajk?

Xhud: Iva.

Avu: Għax hu biha sinjura kien qed isuq bil-mod.

Avu2: Mela sur Saliba tista tispjegalna ftit id-daqqa fejn saret?

Xhud: Fuq wara fil-ġenb tal-passiġġier.

Avu: Ngħid sew illi inti ippruvajt teqleb il-lane bejn waħda u oħra?

Xhud: Jien ippruvajt immur minn naħa tal-Imsida mhux minn naħa tal-Ħamrun.

Avu: Xejn iktar.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi kollha jirriżulta li l-imputat Liam Kyle Saliba, fil-7 t'Awissu 2022, waqt li kien qed isuq fi Triq Nazzjonali, Furjana, ma osservax dak li fil-ġurisprudenza jissejjaħ bħala proper lookout. Dan ifisser li kellu jieħu in konsiderazzjoni mhux biss il-vettura tiegħu, iżda wkoll vetturi oħra fil-viċinanza inkluż

mutur li kien fil-viċin. In-nuqqas tiegħu li jara u jaqta' t-triq b'mod sigur wassal għal ħabta li minnha ġarrab korrimenti gravi Jason Bugeja. Għaldaqstant, il-Qorti ssibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 226(1)(b) tal- Kap 9 u fil-L.S 65.18 Art 36(B) u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Liam Kyle Saliba** ħati tal-akkuża miġjuba kontrih u tikkundanah ghal Multa ta' elf (1,000) ewro u tnaqqis ta' erba' (4) punti mill-liċenzja tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**